MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Numru 446/2000

**Il-Pulizija**

**(Spt. Paul Vassallo)**

**vs**

**Joseph Attard**

**Illum 26 ta' Jannar 2011**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Attard ta' 5, Triq Otto Bayer, Xaghra, Ghawdex kif ravvizati a fol. 1 tal-process, u cioe:

Talli f'dawn l-ahhar snin u qabel il-25 ta' Mejju 1999 ghamilt zvilupp jew hallejt li jsir zvilupp fuq art li taghha inti responsabbli minghajr il-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar

ghal dan l-izvillup konsistenti fi ftuh ta’ barriera u qtiegh ta’ gebel tal-franka fl-inhawi ta’ Ghansar, Wied Merill, limiti ta’ San Lawrenz, Ghawdex, kif ukoll ksur ta’ l-Ippjanar konsistenti billi ghandek estensjoni tal-barriera minghjar il-permess mehtieg;

Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet inqast li thares u tobdi ordni tal-avviz biex tieqaf (Nru. ECF 454/98/ENMU/NENF) datat 26 ta’ Frar 1998 sabiex twaqqaf immedjatament l-imsemmi zvilupp u jittiehdu dawk il-passi sabiex jieqaf u tregga lura s-sit ghal-istat originali;

Akkuzat ukoll talli inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita’ kompetenti.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputat kien mitlub jiddezisti mill-izvilupp illegali konsistenti f’estensjoni ta’ barriera permezz ta’ avviz ta’ waqfien u twettiq bid-data tas-26 ta’ Mejju 1998. Franco Pisani ghall-Awtorita’ tal-Ippjanar xehed illi wara li mar fuq is-sit lamentat kien ikkonkluda li l-barriera gia licenzjata tal-imputat kienet estiza oltre il-konfini licenzjati u dan bla permess b’mod konsiderevoli kif jirrizulta mill-pjanti minnu esebiti. Jirrizulta illi l-imputat fetah barriera gdida li ma kienitx tmiss mal-barriera gia koperta bil-permessi u maz-zmien ghaqqad dawn iz-zewg barrieri b’estensjonijiet ohra. Huwa kien mitlub diversi drabi sabiex jiddezisti milli jkompli b’dan l-izvilupp izda l-imputat injora kull avviz mill-Awtorita’ tal-Ippjanar kif jemergi mix-xhieda tas-Sur Mark Cini. Fl-1998 l-imputat kien applika mal-Awtorita’ sabiex jottjeni l-permess biex jissana dan l-izvilupp izda kien sussegwentement irtira l-applikazzjoni u baqa’ ghaddej bi tqattigh tal-gebel.

L-prosekuzzjoni esebiet diversi dokumenti in sostenn tal-allegazzjonijiet attribwiti lill-imputat u fosthom insibu applikazzjoni taht il-firma tal-imputat li fil-parti intestata “Description of Proposed Development” l-imptat jiddikjara “to regularize extension of soft stone quarry No. 4”. Din l-applikazzjoni tikkomprendi ritratti ta’ barriera fi stadju avvanzat u hija fil-fatt dikjarata bhala barriera mill-imputat fil-parti intestata “Current use of land”. Din l-applikazzjoni hija xhieda inkonfutibbli u tekwivali ghal konferma da parti tal-imputat li di piu’ wera l-animu tieghu li jibqa’ ghaddej b’dan l-izvilupp illegali meta ingibditlu l-attenzjoni li din l-istess applikazzjoni kienet monka peress illi kienet inkompleta. Stante li ma kienet saret l-ebda rattifika, l-Awtorita’ kienet qieset din l-applikazzjoni bhala irtirata u l-imputat kien debitament notifikat b’dan. Meta ghazel li jixhed, l-imputat ma qal xejn li jista’ b’xi mod joffri spjegazzjoni ta’ dan l-izvilupp u li dan seta b’xi mod ma jammontax ghal ksur tal-ligi lamentata mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b’xhieda inekwivoka min naha tal-prosekuzzjoni u hija konvinta minghajr ebda ombra ta’ dubju li l-imputat ghamel l-izvilupp lamentat minghajr il-permessi mehtiega u rrifjuta li jieqaf kif ordnat mill-Awtorita’ tal-Ippjanar.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 56 (1) (a), (c) u (d) tal-Att 1 tal-1992 kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-rejat u 338 (ee) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitt elf euro (Euro 100,000.00) u tordnalu iregga s-sit lura ghal dak l-istat li kien qabel l-izvilupp illegali fi zmien tlett (3) xhur mil-lum fuq penali ta’ sittin (60) Euro ghal kull jum ta’ nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------